**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU: 2559**

Kaz Nru: 3613/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mazen Dadouch ID108993M

u

Imam Muhammed El Sadi in rapprezentanza ta'
Skola Mariam Al Batool

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**

**Illum 25 t'Ottubru, 2018**

**INTRODUZZJONI**

Is-Sur Mazen Dadouch, assistit mill-Avukat Joseph Brincat ghamel rikors lit-Tribunal nhar it-30 ta' Jannar 2018 biex jikkontesta s-sensja li nataghtlu.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz, l-iSkola Mariam Al Batool, permezz tal-Avukati Shaheryar Ghaznavi, u Mario Calleja, issollevat tlett eccezzjoni preliminari, viz.:

1. "l-intavolar ta' proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali ghandhom jigu mibdija minn Dikjarazzjoni … u mhux minn Rikors …," u ghaldaqstant l-istanza hija proceduralment insostenibbli u rritwali u ghalhekk ghandha tigi rigettata, u dan skond Artiklu 75 (3) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Legislazzjoni Sussidjarja 452.18;
2. l-azzjoni attrici hija nulla u rritwali stante li t-Tribunal la jista' jilqa' u lanqas jichad x'qed jippretendi r-rikorrent peress illi r-rikors promotur ma jispecifikax il-pretensjoni u lanqas jitlob rimedju, u ghaldaqstant ghandha tigi michuda; u
3. ir-relazzjoni tar-rikorrent hija mal-iskola u ghalhekk jinkombi fuq is-Sur Dadouch li jipprova li l-Imam Mohammed El Sadi ghandu r-rapprezentanza tas-socjeta` ntimata.

Fuq talba tal-partijiet, it-Tribunal iddifferixxa l-ewwel smigh, li sar fit-22 ta' Marzu 2018, diversi drabi biex il-partijiet jesploraw il-possibilita` ta' ftehim.

Fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2018 il-partijiet infurmaw lit-Tribunal illi ma lahqux ftehim. It-Tribunal iddecieda li jaghti digriet dwar l-eccezzjonijiet maghmula mis-socjeta` ntimata u talab lill-partijiet biex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar dawn l-eccezzjonijiet.

Fis-27 ta' Settembru 2018 ir-rikorrent ghamel rikors iehor, did-darba biex jitlob lit-Tribunal zieda fid-dokument illi jiftah il-Kaz, liema zieda tikkkonsisti f'illi:

a) it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet tkeccija ngusta, u
b) r-rikorrent jitlob illi jigu llikwidati d-danni dovuti lilu u anke ghal dak illi jirrigwarda n-nuqqas ta' hlas ta' *notice money*.

Ir-rikorrent isostni li t-talba ghandha tintlaqa' skond l-Artiklu 77 tal-Kap 452, li jaghti lit-Tribunal is-setghat tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Skond is-Sur Dadouch, il-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti li ssir kwalunkwe zjieda ta' talbiet sakemm il-Kawza tinqata'.

Fl-1 ta' Ottubru 2018 is-socjeta` ntimata wiegbet it-tieni rikors tar-rikorrent, u esponiet illi:

tikkonferma l-ewwel eccezzjoni li ghamlet rigward l-ewwel rikors tar-rikorrent;

rigward l-interpretazzjoni tar-rikorrent tal-Kap 12, is-socjeta` ssostni li l-artiklu citat mir-rikorrent, cioe` l-Artiklu 175 (1), ma jikkontemplax sitwazzjoni simili ghal dik tal-Attur u cioe` meta wiehed jonqos milli jaghmel talba *ab initio*; l-Artiklu jippermetti tibdil ta' isem ta' wahda mill-partijiet jew fil-kwalita` li jidhru fiha jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt, izda ma jippermettix illi jizdiedu talbiet; kieku kellha tintlaqa' t-talba biex ikunu llikwidati d-danni, kif ukoll jithallas in-*notice money*, tkun qed tinbidel fis-sustanza l-azzjoni tal-kawza; u

l-Imam Muhammed El Sadi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; il-kaz kellu jkun biss kontra l-iSkola Mariam Al Batool; ir-rikorrenti ma kkontradixxiex illi l-imsemmi Imam ma ghandux ir-rapprezentanza tal-imsemmija Skola.

Is-Socjeta` ntimata ssostni li l-eccezzjonijiet illi qajmet ghandhom jigu milqugha.

Fit-18 ta' Ottubru 2018 il-partijiet ghamlu t-trattazzjonijiet taghhom dwar l-eccezzjonijiet. Ir-rikorrent ghamel referenza (a) ghall-kawza kostituzzjonali Gaffiero kontra l-Avukat Generali dwar procedura fir-rigward ta' liema Qorti l-kawza kellha tkunipprezentata, li ghaliha l-iSkola Mariam Al Batool wiegbet illi " … fir-rigward ta' tali Qorti tibghat l-atti lil Qorti ohra, dik ghandu jigi *ad hoc*", u (b) il-kaz Rosario Spiteri kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, u ssokta jispjega "l-principju li l-atti ma jintilfux fuq virgola imma inti tmur ghall-gustizzja sostanzjali …". Is-socjeta` rribattiet illi, (i) "l-Artiklu 175 assolutament ma jippermettix li wiehed jista' jzid talba fejn … *ab inizio* ma kenitx hemm …",, (ii) ir-rikorrent kellu jipprezenta dikjarazzjoni u mhux rikors, u (iii) fir-rikors "lanqas biss hemm talba …."

**KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL**

**Rigward l-ewwel eccezzjoni maghmula mis-socjeta`[1]:**

Saret in-norma sa minn meta, fil-kors tal-istorja tat-Tribunal Industrijali, regghet iddahhlet il-konswetudni li l-avukati jirrapprezentaw jew ighinu attivament lill-partijiet fil-kwistjonijiet tax-xoghol, li l-applikazzjoni ghal smigh ta' kwistjoni tax-xoghol mit-Tribunal fejn jigi allegat illi saret tkeccija ngusta, issir permezz ta' rikors, liema rikors irid jigi pprezentat fi zmien erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat; wara tali registrazzjoni, it-Tribunal jitlob ghad-dikjarazzjoni tal-kaz.

Hekk sar f'dal-kaz. Ir-rikors sar fit-30 ta' Jannar 2018 – erba' xhur minn meta giet fis-sehh is-sensja. It-Tribunal iffissa t-22 ta' Marzu 2018 bhala d-data tal-ewwel seduta, u fit-3 ta' Frar 2018 talab lir-rikorrent jibghat lit-Tribunal id-dikjarazzjoni tal-kaz sa sebat ijiem qabel is-seduta. Fl-1 ta' Marzu 2018 l-Avukat Joseph Brincat, permezz ta' ittra, ghan-nom tar-rikorrent gharraf lit-Tribunal illi d-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrent huwa, "l-fatt fih innifsu", liema fatt huwa ddikjarat fir-rikors, liemarikors isemmi l-fatti tal-kawza. Jigifieri r-rekwizit ghall-kontenut tad-dikjarazzjoni jinsab fir-rikors.

Id-differenza bejn "rikors li jinkludi d-dikjarazzjoni" u "dikjarazzjoni" mhix materjali, fis-sens illi ma tbiddel xejn mis-sustanza tal-process li permezz tieghu r-rikorrent ifittex gustizzja u l-intimat iwiegeb ghall-akkuza.

L-ispirtu tat-Taqsima III tal-Kap 452 huwa li kwistjonijiet tax-xoghol ikunu solvuti b'gustizzja, trasparenza, sens komun, minghajr dewmien, u **minghajr legalizmi**; din il-karatteristika tal-ahhar hi evidenti wkoll mill-fatt illi, "Il-kaz ghal kull parti fit-tilwima jista' jigi pprezentat mill-parti nnifisha li tista' taghzel li tigi rapprezentata jew mghejjuna minn persuna jew persuni tal-fiducja taghha.[2]" La parti tista' taghzel li tigi ppresentata minnha nnifisha, il-legizlatur ikkontempla li l-parti ma tkunx intiza fil-finezzi legali.

Hija l-opinjoni ta' dat-Tribunal illi r-ragunijiet migjuba mis-socjeta` huma tfettiq; ma jiggustifikawx illi r-rikorrent jigi mcahhad mill-opportunita` li jfittex sodisfazzjon ghal dak illi jidhirlu li hi ngustizzja fil-konfront tieghu.

Ghalhekk, a bazi tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, it-Tribunal ma jilqax l-ewwel eccezzjoni.

**Rigward it-tieni eccezzjoni maghmula mis-socjeta`[3]**

Rigward in-nuqqas ta' specifikazzjoni tal-pretensjoni tar-rikorrent minghand it-Tribunal, ir-rikors tat-30 ta' Jannar 2018 jirreferi ghal, "kontestazzjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu" u jaghti ndikazzjoni bazilari li biha r-rikorrent qed jikkontendi li huwa nghata s-sensja filwaqt illi ndividwi li skond hu gew impjegati warajh ma nghatawx is-sensja izda gew mizmuma fl-impjieg.

Fi kwalunkwe kaz, ir-rikompens ma jiddependix minn jekk ikunx mitlub lit-Tribunal jew le. Il-Ligi tipprovdi. L-Artiklu 81 (2) tal-Kap 452 jezigi, "Meta, fuq ilment maghmul skont l-artikolu 75, it-Tribunal isib illi r-ragunijiet ghall-ilment ikunu bbazati tajjeb – (a) f'kazi ta' tkeccija minghajr kawza

[1] Indikata f'1 ta' l-Introduzzjoni ta' din id-Decizjoni Preliminari
[2] Artiklu 78 (2) tal-Kap 452
[3] Indikata f'2 ta' l-Introduzzjoni ta' din id-Decizjoni Preliminari

gusta …, it-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens, li ghandha tithallas mill-principal lil min jaghmel l-ilment, rigward it-tkeccija: izda, meta jistabilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal ….”

Ghalhekk mhix kwistjoni li ssir zieda ghall-ewwel rikors tar-rikorrent f'forma ta' talba ghall-likwidazzjoni tad-danni u li tali zieda tbiddel fis-sustanza l-azzjoni tal-kawza. Kwindi, ghal dat-Tribunal huwa inutli li jidhol fil-mertu tal-validita` o meno tal-applikazzjoni tal-Artiklu 175 tal-Kap 12 ghall-eccezzjoni odjerna.

It-Tribunal, fuq il-kunsiderazzjoni li ghamel dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` ma jilqax l-istess eccezzjoni.

**Rigward it-tielet eccezzjoni maghmula mis-socjeta`[4]:**

It-Tribunal jaqbel mas-socjeta` li l-Imam Mohammed El Sadi ghandu personalita` guridika differenti minn dik tal-iSkola Mariam Al Batool, u li r-relazzjoni tar-rikorrenti hija mal-istess skola.

Ghalhekk, l-isem tal-Imam Mohammed El Sadi ma ghandux jidher fl-okkju, u t-Tribunal jordna li jitnehha mill-okkju biex l-okkju jsir, “Mazen Dadouch vs Skola Mariam Al Batool”.

It-Tribunal ma jaqbilx pero` illi r-rikorrent ghandu jipprova li l-Imam Mohammed El Sadi ghandu r-rapprezentanza tal-iSkola. Hija l-iSkola li tiddeciedi min jirrapprezentaha f'dil-Kwistjoni tax-Xoghol, u r-rikorrent ma ghandux jindahal f'tali decizjoni tas-socjeta` hlief ghal raguni jew ragunijiet illi tkun/ikunu gustifikati legalment jew etikament.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-tielet eccezzjoni parzjalment kif spjegat fit-tlett paragrafi ta' qabel dis-sentenza.

**KONKLUZJONI**

Wara li fela r-rikorsi, id-dikjarazzjonijiet, ir-risposti, u t-trattazzjonijiet, u ghamel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, it-Tribunal ma sabx gustifikazzjoni sufficjenti biex jannulla l-proceduri ntavolati mir-rikorrent u ghalhekk jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-Kaz.

**(iffirmat)**

Is-Sur Joseph Delia

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju

[4] Indikata f'3 ta' l-Introduzzjoni ta' din id-Decizjoni Preliminari